MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Numru 455/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Neville Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Neville Cassar** ta' 23 sena, iben Elano u Elizabeth *nee'* Cassar, imwieled Pieta' nhar it-18 t' Ottubru, 1982, residenti 19, 'Len' San Gorg Zammit, Attard, detentur tal-karta tal-identita' numru 579682M;

Talli fit-13 ta' Mejju, 2006, gewwa Triq Santa Katerina, Attard u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer;
1. volontarjament hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, vettura Mini Cooper bon-numru tar-registrazzjoni WOO 113 ghad-dannu ta' Matthew John Migneco, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin izda inqas minn hames mitt lira Maltin u dan bi ksur tl-artikolu 325 (a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. ingurjajt jew heddidt b'oggett iebes 'crowbar', b'mod illi johrog bara mil-limiti tal-provokazzjoni lil Matthew John Migneco
3. volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapiltu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba tipprovdi ghas-sigurta' ta' Matthew John Migneco u torbot l-imputat Neville Cassar b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni tal-imputat, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk isib lill-imputati hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikolu 325 (a), 339 (1) (d), 338 (dd);

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat u hadet in konsiderazzjoni l-eta zghira tal-imputat kif ukoll illi l-imputat ikkorabora mal-prosekuzzjoni u hallas l-ammont kollu mitlub mill-kwerelant ghal hsara minnu kawzata;

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzzjoni biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Matthew John Migneco stante li mhux aktar mehtieg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------